



Konklużjonijiet tal-Kunsill - Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jilqgħu tajjeb il-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti armi konvenzjonali li jistgħu jittqiesu li huma ta' ħsara eċċessiva jew li għandhom effetti indiskriminati (CCW) li ser issir f'Ġinevra, mit-12 sas-16 ta' Diċembru 2016.

Il-Kunsill ikkonferma li l-konferenza tirrappreżenta opportunità biex il-konvenzjoni tibqa' responsiva għall-iżviluppi ġodda u tissaħħaħ l-implimentazzjoni tagħha.

Is-CCW hija forum internazzjonali uniku li jiġbor flimkien għarfien espert diplomatiku, legali u militari. Hi toffri mod flessibbli biex isir rispons għal żviluppi ġodda fit-teknoloġiji tal-armi u biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' parti essenzjali tad-dritt umanitarju internazzjonali li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tbatija kemm tal-popolazzjoni ċivili kif ukoll tal-kumbattenti.

- [Read the full text of the conclusions](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press